**360. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi fil-ġranet li baqa' sal-għeluq ta' din il-leġislatura, meta l-Kamra tiltaqa', jkunu jistgħu jittieħdu għal konsiderazzjoni tagħha iktar minn stadju wieħed ta' kull ordni tal-ġurnata li jidhru fuq l-aġenda.

Illi jekk il-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis ikun jista' jsir xogħol biss tal-Gvern.

Illi meta tintalab votazzjoni din tittieħed ħames minuti wara l-interuzzjoni tax-xogħol, u jekk jintalbu iktar minn votazzjoni waħda, l-ewwel votazzjoni li tkun intalbet tittieħed ħames minuti wara l-interuzzjoni tax-xogħol u l-votazzjonijiet kollha li jkunu ntalbu warajha jittieħdu wara xulxin mingħajr ma jgħaddu l-ħames minuti minn waħda għal l-oħra.

23.01.1987